Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9741 — Ines Kaindl/Peter Kaindl/M Kaindl)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 289/05)

1. Fl-20 ta' Awwissu 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SWISS KRONO Holding AG ("SWISS KRONO", l-Iżvizzera), ikkontrollata minn Ines Kaindl,

— Kronospan Group ("Kronospan", l-Awstrija), ikkontrollata minn Peter Kaindl,

— M. Kaindl OG ("M Kaindl", l-Awstrija).

Ines Kaindl takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' M. Kaindle OG kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' wirt.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— SWISS KRONO: attiva fil-produzzjoni ta' materjali b'bażi ta' injam bħal bordijiet, pavimenti laminati u laminati dekorattivi.

— Kronospan: attiva fil-produzzjoni ta' materjali b'bażi ta' injam bħal bordijiet, pavimenti laminati u laminati dekorattivi.

— M. Kaindl: attiva fil-produzzjoni ta' materjali b'bażi ta' injam bħal bordijiet, pavimenti laminati u laminati dekorattivi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9741 — Ines Kaindl/Peter Kaindl/M. Kaindl

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").